



Kunsill Ewropew

Brussell, 9 ta' Frar 2023
(OR. en)

EUCO 1/23

CO EUR 1
CONCL 1

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Laqgħa straordinarja tal-Kunsill Ewropew (9 ta' Frar 2023) – Konklużjonijiet

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż il-konklużjonijiet adottati mill-Kunsill Ewropew fil-laqgħa msemmija hawn fuq.

Il-Kunsill Ewropew kellu skambju ta' fehmiet mal-President tal-Ukrajna dwar il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u l-appoġġ tal-Unjoni Ewropea għall-Ukrajna u l-poplu tagħha.

*

* *

I. UKRAJNA

1. Il-Kunsill Ewropew itenni l-kundanna qawwija tiegħu tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, li tikkostitwixxi ksur ċar tal-Karta tan-NU. Il-gwerra brutali tar-Russja, li ilha għaddejja kważi sena sħiħa, gābet magħha tbatija u qerda kbira fuq l-Ukrajna u l-poplu tagħha. Ir-Russja għandha twaqqaf din il-gwerra atroċi immedjatement. L-Unjoni Ewropea ser tibqa' tappoġġa b'determinazzjoni lill-Ukrajna sakemm ikun hemm bżonn.
2. L-appoġġ tal-Unjoni Ewropea għall-indipendenza, is-sovraniā u l-integritā territorjali tal-Ukrajna fi hādan il-fruntieri rikonoxxuti internazzjonalment tagħha u d-dritt inerenti tagħha li tiddefendi ruħha kontra l-aggressjoni Russa jibqa' sod. L-Unjoni Ewropea ser iżżomm u tara kif ser iżżid aktar, b'konsultazzjoni mas-sħab internazzjonali, il-persjoni kollettiva fuq ir-Russja biex ittemm il-gwerra ta' aggressjoni tagħha u tirtira t-truppi u t-tagħmir militari tagħha mill-Ukrajna. Biex ikompli jiżdied il-kost għar-Russja tal-gwerra ta' aggressjoni tagħha, ġie adottat limitu massimu fuq il-prezzijiet tal-prodotti tal-petroleum. L-Unjoni Ewropea tinsab lesta li tkompli ssaħħaħ il-miżuri restrittivi tagħha f'koordinazzjoni u kooperazzjoni mill-qrib mas-sħab globali. Ser jissaħħu l-miżuri kontra ċ-ċirkomvenzjoni.
3. Il-Kunsill Ewropew itenni l-impenn qawwi tiegħu għall-irfigħ tar-responsabbiltā. L-attakki fatali u indiskriminati kontinwi tar-Russja kontra ċ-ċivili u l-infrastruttura ċivili huma delitti internazzjonali u jridu jieqfu. Id-dritt umanitarju internazzjonali, inkluż dwar it-trattament tal-priġunieri tal-gwerra, irid jiġi rrispettat. L-Ukreni li ġew ttrasferiti bil-forza lejn ir-Russja, b'mod partikolari t-tfal, għandhom jitħallew jirritornaw immedjatement b'mod sikur.

4. L-Unjoni Ewropea hija impenjata bis-sħiħ li żżomm responsabbli lill-kmandanti, l-awturi u l-kompliċi kollha tad-delitti tal-gwerra u d-delitti l-aktar serji l-oħra mwettqa b'rabta mal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Il-Kunsill Ewropew jappoġġa bis-sħiħ l-isforzi tal-Ukrajna u tal-komunità internazzjonali f'dan ir-rigward, inkluż l-istabbiliment ta' mekkaniżmu adatt għall-prosekuzzjoni tad-delitt ta' aggressjoni, li tikkonċerna lill-komunità internazzjonali kollha kemm hi. Huwa jissottolinja l-appoġġ tal-Unjoni Ewropea għall-investigazzjonijiet mill-Prosekutur tal-Qorti Kriminali Internazzjonali kif ukoll għall-ħolqien, f'The Hague, ta' ċentru internazzjonali għall-prosekuzzjoni tad-delitt ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Dan iċ-ċentru ser ikun marbut mal-Iskwadra ta' Investigazzjoni Konġunta eżistenti appoġġata mill-Eurojust.
5. Il-Kunsill Ewropew itenni r-rieda tal-Unjoni Ewropea li tappoġġa l-inizjattiva tal-Ukrajna għal paċi ġusta bbażata fuq ir-rispett għas-sovranià u l-integrità territorjali tal-Ukrajna. Sal-lum, ir-Russja ma wriet ebda rieda ġenwina fir-rigward ta' paċi ġusta u sostenibbli. Il-Kunsill Ewropew jesprimi l-appoġġ tiegħu għall-formula ta' paċi tal-President Zelenskyy u jafferma mill-ġdid l-impenn tal-Unjoni Ewropea li taħdem b'mod attiv mal-Ukrajna fuq il-pjan ta' paċi f'10 punti. L-Unjoni Ewropea tappoġġa l-idea ta' Summit dwar il-Formula ta' Paċi bil-għan li jniedi l-implimentazzjoni tagħha. L-Unjoni Ewropea ser taħdem flimkien mal-Ukrajna biex tiżgura l-akbar parteċipazzjoni internazzjonali possibbli.

6. Il-Kunsill Ewropew jirrikonoxxi l-isforzi konsiderevoli li l-Ukrajna wriet f'dawn l-aħħar xhur biex tilħaq l-oġġettivi li jirfdu l-istatus tagħha ta' kandidat għas-sħubija fl-UE. Huwa jilqa' b'sodisfazzjon l-isforzi ta' riforma tal-Ukrajna fi żminijiet tant diffiċli, u jinkoraġġixxi lill-Ukrajna biex tkompli f'din it-triq u tissodisfa l-kondizzjonijiet speċifikati fl-opinjoni tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tagħha għas-sħubija sabiex tavanza lejn sħubija futura fl-UE. L-Unjoni Ewropea tagħraf id-determinazzjoni tal-Ukrajna li tissodisfa r-rekwiżiti meħtieġa sabiex tibda n-negozjati tal-adeżjoni malajr kemm jista' jkun. L-Unjoni Ewropea tistenna b'interess li taħdem mill-qrib mal-Ukrajna u tappoġġaha fl-isforzi tagħha biex tissodisfa bis-sħiħ il-kondizzjonijiet kollha. Il-Kunsill Ewropew itenni li l-futur tal-Ukrajna jinsab fi ħdan l-Unjoni Ewropea.
7. Il-Kunsill Ewropew jafferma mill-ġdid l-impenji meħuda fid-dikjarazzjoni konġunta wara s-Summit UE-Ukrajna. L-Unjoni Ewropea ser tkompli tipprovdi appoġġ politiku, ekonomiku, militari, finanzjarju u umanitarju b'saħħtu lill-Ukrajna u lill-poplu tagħha sakemm ikun hemm bżonn. L-assistenza globali lill-Ukrajna u lill-poplu tagħha mill-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha s'issa tammonta għal mill-inqas EUR 67 biljun. L-Unjoni Ewropea u l-Ukrajna ser jisfruttaw bis-sħiħ il-potenzjal tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni, inkluż iż-Żona ta' Kummerċ Ħieles Approfondita u Komprensiva, sabiex jiġu stabbiliti kondizzjonijiet għal relazzjonijiet ekonomiċi u kummerċjali msaħħa li jwasslu għall-integrazzjoni tal-Ukrajna fis-Suq Uniku tal-UE.
8. L-Unjoni Ewropea approvat is-seba' porzjon ta' EUR 500 miljun f'appoġġ militari lill-Ukrajna taħt il-Faċilità Ewropea għall-Paċi u nediet il-Missjoni ta' Assistenza Militari tal-UE biex inizjalment jitħarrġu 30 000 suldat fl-2023. Dan iġib l-appoġġ militari totali mill-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha għal kważi EUR 12-il biljun. Fid-dawl tas-sitwazzjoni attwali, il-Kunsill Ewropew jilqa' b'sodisfazzjon il-forniment rapidu ta' tagħmir militari lill-Ukrajna mill-Istati Membri.

9. L-Unjoni Ewropea tibqa' impenjata li tappoġġa l-istabbiltà makrofinanzjarja tal-Ukrajna. Il-Kunsill Ewropew jilqa' b'sodisfazzjon il-ħidma tal-Kummissjoni u tal-Bank Ewropew tal-Investment, tal-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp u tal-Bank Dinji fuq proġetti biex jiġi estiż malajr l-użu tal-Korsiji ta' Solidarjetà biex jissaħħu l-opzjonijiet kummerċjali fis-setturi kollha u l-opportunitajiet għall-esportazzjoni mill-Ukrajna.
10. L-Unjoni Ewropea tibqa' impenjata li tappoġġa, flimkien mas-sħab, ir-reparazzjoni, l-irkupru u r-rikostruzzjoni tal-Ukrajna. F'dan il-kuntest, il-Kunsill Ewropew jilqa' b'sodisfazzjon l-operazzjonalizzazzjoni tal-Pjattaforma għall-Koordinazzjoni tad-Donaturi. L-Unjoni Ewropea, flimkien mas-sħab tagħha, qed iżżid il-ħidma tagħha lejn l-użu tal-assi ffriżati u immobilizzati tar-Russja biex tappoġġa r-rikostruzzjoni tal-Ukrajna u għall-finijiet ta' reparazzjoni, f'konformità mad-dritt tal-UE u dak internazzjonali.
11. Il-Kunsill Ewropew jenfasizza wkoll l-importanza ta' appoġġ psikoloġiku u psikosoċjali u riabilitazzjoni, kif ukoll tar-reintegrazzjoni tal-veterani tal-gwerra fil-ħajja soċjali attiva. L-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha ser iżidu l-appoġġ għal programmi relatati, inkluż permezz ta' għarfien espert speċjalizzat. Ser jiġi intensifikat ukoll l-għoti ta' assistenza għat-tneħħija tal-mini.
12. L-Unjoni Ewropea ttenni l-impenn tagħha li ssaħħa l-appoġġ għall-persuni spostati, kemm fl-Ukrajna kif ukoll fl-Unjoni Ewropea, inkluż permezz ta' assistenza finanzjarja adegwata u flessibbli lill-Istati Membri li jgħorru l-akbar piż tal-kostijiet mediċi, tal-edukazzjoni u tal-għajxien tar-refuġjati.

II. EKONOMIJA

13. Fid-dawl tar-realtà ġeopolitika l-ġdida, l-Unjoni Ewropea ser taġixxi b'mod deċiż biex tiżgura l-kompetittività fit-tul, il-prosperità u r-rwol tagħha fix-xena globali. L-Unjoni Ewropea ser issaħħaħ is-sovranità strateġika tagħha u tagħmel il-bażi ekonomika, industrijali u teknoloġika tagħha adatta għat-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali. Ser tapprofondixxi s-Suq Uniku u tiżgura kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni kemm internament kif ukoll globalment.
14. Huwa essenzjali għall-Unjoni Ewropea li ssaħħaħ il-kompetittività u l-produttività fit-tul tagħha. Strateġija komprensiva għandha tisfrutta aktar il-potenzjal sħiħ tas-Suq Uniku, li kien il-bażi tal-prosperità tal-Ewropa sa mill-ħolqien tiegħu 30 sena ilu. Filwaqt li jfakkar fil-konklużjonijiet tiegħu ta' Diċembru 2022, b'mod partikolari l-istedina tiegħu lill-Kummissjoni biex tippreżenta strateġija fil-livell tal-UE biex tingħata spinta lill-kompetittività u l-produttività, il-Kunsill Ewropew ser jerġa' lura għal dawn il-kwistjonijiet fil-laqgħa tiegħu li jmiss.

15. Abbażi tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku għall-Era Żero-Netta, u fid-dawl tal-analiżi dettaljata tiegħu li jmiss, jenħtieġ li titmexxa 'l quddiem b'mod urġenti l-ħidma fuq il-linji ta' azzjoni li ġejjin:
- a) Politika dwar l-ġhajnuna mill-Istat: hemm bżonn li l-proċeduri jsiru aktar sempliċi, aktar rapidi u aktar prevedibbli, u jippermettu li jiġi implimentat malajr appoġġ temporanju u proporzjonat immirat, inkluż permezz ta' krediti tat-taxxa, f'dawk is-setturi li huma strateġiċi għat-tranżizzjoni ekoloġika u li huma affettwati b'mod negattiv minn sussidji barranin jew prezzijiet għoljin tal-enerġija. Għandha titqiegħed ukoll enfasi qawwija fuq il-preservazzjoni tal-kompetittività tal-SMEs. L-integrità u l-kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni tas-Suq Uniku jridu jinżammu. Il-Kunsill Ewropew jappella wkoll biex l-istrumenti tal-UE, bħall-Proġetti Importanti ta' Interess Ewropew Komuni (IPCEIs), jiġu implimentati b'mod effiċjenti billi tiżdied it-trasparenza u jiġu ssimplifikati l-proċeduri, b'mod partikolari billi jiġu aċċellerati l-fażijiet tat-tfassil u tal-valutazzjoni. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kummissjoni biex tirrapporta regolarment lill-Kunsill dwar l-impatt ta' din il-politika dwar l-ġhajnuna mill-Istat fuq is-Suq Uniku kif ukoll fuq il-kompetittività globali tal-UE;
 - b) Finanzjament fil-livell tal-UE: fl-istess ħin, biex tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni ekoloġika mal-Unjoni kollha u biex tiġi evitata l-frammentazzjoni tas-Suq Uniku, rispons ta' politika tal-UE effettiva għalkollox jeħtieġ aċċess ġust għall-mezzi finanzjarji. Għal dak l-għan, il-fondi eżistenti tal-UE għandhom jintużaw b'mod aktar flessibbli, u għandhom jiġu esplorati opzjonijiet biex jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-finanzjament. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex jiżguraw il-mobilizzazzjoni sħiħa tal-finanzjament disponibbli u tal-istrumenti finanzjarji eżistenti, sabiex jiġi pprovdut appoġġ f'waqt u mmirat f'setturi strateġiċi mingħajr ma jiġu affettwati l-oġġettivi tal-politika ta' koeżjoni. Barra minn hekk, għandu jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tal-Bank Ewropew tal-Investment;

- c) Ambjent regolatorju: kondizzjonijiet ta' qafas sempliċi, prevedibbli u ċari għall-investment fl-Unjoni Ewropea huma essenzjali. Jenħtieġ li proċeduri amministrattivi u ta' awtorizzazzjoni jiġu simplifikati u aċċellerati, inkluż biex tiġi żgurata kapaċità ta' manifattura għall-prodotti li huma kruċjali għall-issodisfar tal-għanijiet tal-UE tan-newtralità klimatika, b'kont meħud tal-katina sħiħa tal-provvista u tal-valur fil-livell transfruntier. Għandu jiġi żgurat l-aċċess għal materja prima kritika rilevanti, inkluż permezz tad-diversifikazzjoni tas-sorsi ta' provvista u permezz tar-riċiklaġġ tal-materja prima biex jiġu promossi l-prinċipji tal-ekonomija ċirkolari. Ir-riforma li jmiss tat-tfassil tas-suq tal-elettriku għandha tappoġġa tranżizzjoni lejn sistema tal-enerġija dekarbonizzata u effiċjenti bl-inqas kost possibbli, tiżgura s-sigurtà tal-provvista fi kwalunkwe ħin u ssaħħaħ il-kompetittività tal-UE. Ir-regoli dwar l-akkwist pubbliku għandhom jiġu modernizzati biex jgħinu fit-trawwim ta' industrija aktar ekoloġika u l-istandards Ewropej għandhom jiġu promossi biex tiġi ffaċilitata introduzzjoni rapida ta' teknoloġiji ewlenin;
 - d) Ħiliet: għandha tittieħed azzjoni aktar kuraġġuża u aktar ambizzjuża biex jiġu żviluppati aktar il-ħiliet meħtieġa għat-tranżizzjonijiet ekoloġika u diġitali permezz tal-edukazzjoni, it-taħriġ, u t-titjib u t-tiġdid tal-ħiliet biex jiġu indirizzati l-isfidi tan-nuqqas ta' ħaddiema u tat-trasformazzjoni tal-impjiegi, inkluż fil-kuntest tal-isfidi demografiċi;
 - e) Investment: hemm bżonn kemm ta' investment privat kif ukoll pubbliku biex jingħalqu diskrepanzi fl-investment li jimminaw it-tkabbir. Il-Kunsill Ewropew jieħu nota tal-intenzjoni tal-Kummissjoni li tipproponi Fond Ewropew għas-Sovranità qabel is-sajf 2023 biex jiġi appoġġat l-investment fis-setturi strateġiċi.
16. L-Unjoni tas-Swieq Kapitali hija kruċjali biex l-Ewropa tibqa' kontinent ta' produzzjoni u innovazzjoni. Il-Kunsill Ewropew jappella lill-koleġislaturi biex jaċċelleraw l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Unjoni tas-Swieq Kapitali billi javvanzaw u jiffinalizzaw il-ħidma dwar il-proposti leġiżlattivi f'dan il-qasam.

17. It-twettiq ta' aġenda kummerċjali ambizzjuża, robusta, miftuħa u sostenibbli u l-appoġġ għad-WTO u s-sistema multilaterali bbażata fuq ir-regoli ser ikunu fil-qofol tat-tisħiħ tas-sovranità u l-prosperità tal-Ewropa. Għal dan l-għan, ftehimiet ta' kummerċ ħieles u ta' investiment ġusti u trasparenti għandhom jiżguraw kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni, u għandhom jippermettu li jiġu żviluppati ktajjen tal-provvista reżiljenti u affidabbli u li l-Unjoni Ewropea taċċessa swieq ġodda. L-isforzi biex jiġu diversifikati l-ktajjen tal-provvista għandhom jiżdiedu, b'mod partikolari għall-materja prima kritika. L-Unjoni Ewropea għandha wkoll tissalvagwarda l-interessi tagħha meta tiffaċċa prattiki inġusti billi tuża strumenti għad-difiża tal-kummerċ.
18. B'kont meħud ta' dawn il-konklużjonijiet, il-Kunsill Ewropew jappella lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex javvanzaw malajr il-ħidma fuq ir-rieżami tal-governanza ekonomika.

III. MIGRAZZJONI

19. Il-Kunsill Ewropew iddiskuta s-sitwazzjoni tal-migrazzjoni, li hija sfida Ewropea li teħtieġ rispons Ewropew.

Il-Kunsill Ewropew ivvaluta l-implimentazzjoni tal-konklużjonijiet preċedenti tiegħu bl-għan li jiġi żviluppat approċċ komprensiv għall-migrazzjoni li jikkombina azzjoni esterna akbar, kontroll aktar effettiv tal-fruntieri esterni tal-UE, u aspetti interni, f'konformità mad-dritt internazzjonali, il-prinċipji u l-valuri tal-UE, u l-ħarsien tad-drittijiet fundamentali. Abbażi tal-ittra reċenti tal-Kummissjoni, il-Kunsill Ewropew jitlob it-tisħiħ u l-aċċellerazzjoni ta' miżuri operazzjonali immedjati.

Il-Kunsill Ewropew jappella lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jissorveljaw mill-qrib u jiżguraw l-implimentazzjoni tal-konklużjonijiet tiegħu, u ser jerġa' lura regolarment għall-kwistjoni.

Azzjoni esterna akbar

20. L-Unjoni Ewropea ser iżżid l-azzjoni tagħha biex tipprevjeni t-tluq irregolari u t-telf ta' ħajjiet, biex tnaqqas il-pressure fuq il-fruntieri tal-UE u fuq il-kapaċitajiet ta' akkoljenza, biex tiġġieled kontra l-faċilitaturi ta' dħul klandestin u biex iżżid ir-ritorn. Dan ser isir billi tiġi intensifikata l-kooperazzjoni mal-pajjiżi ta' oriġini u ta' tranżitu permezz ta' sħubijiet ta' benefiċċju reċiproku. Għandhom ikunu koperti r-rotot migratorji kollha, anke b'riżorsi adegwati.

Għandhom jiġu implimentati l-pjanijiet ta' azzjoni eżistenti għar-rotot tal-Balkani tal-Punent u tal-Mediterran Ċentrali. Il-pjanijiet ta' azzjoni għar-rotot tal-Atlantiku, tal-Punent u tal-Lvant tal-Mediterran għandhom jiġu ppreżentati mill-Kummissjoni bħala kwistjoni ta' prijetà, bil-ħsieb li tittaffa malajr il-pressure fuq l-Istati Membri l-aktar affettwati u li effettivament jiġu prevenuti l-wasliet irregolari. L-impenn tal-UE u tal-Istati Membri mal-pajjiżi ta' oriġini u ta' tranżitu ser jiġi intensifikat b'mod ikkoordinat, inkluż permezz ta' kuntatti ta' livell għoli, bl-għan li tissaħħaħ il-kapaċità tagħhom għall-ġestjoni tal-fruntieri, jiġu prevenuti l-flussi irregolari, jitkisser il-mudell kummerċjali tal-faċilitaturi ta' dħul klandestin, inkluż permezz ta' kampanji ta' informazzjoni strateġiċi, u jiżdiedu r-ritorni. Għal dan l-għan, hemm bżonn li jsir l-aħjar użu possibbli mill-konsultazzjonijiet fil-fora ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi, kif ukoll mill-finanzjament taħt l-NDICI-Ewropa Globali u taħt strumenti rilevanti oħra. L-Unjoni Ewropea ser tkompli tappoġġa lis-sħab fl-indirizzar tal-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni irregolari u fir-rigward tal-migrazzjoni sikura, regolari u ordnata. Il-kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, b'mod partikolari l-IOM u l-UNHCR, għandha tissaħħaħ aktar.

21. L-allinjament mal-politika dwar il-viżi mill-pajjiżi ġirien huwa ta' importanza urġenti u kruċjali għall-ġestjoni tal-migrazzjoni kif ukoll għall-funzjonament tajjeb ġenerali u sostenibbiltà ta' reġimi mingħajr viża fejn rilevanti. F'dan ir-rigward, il-Kunsill Ewropew jenfasizza li l-monitoraġġ tal-politiki dwar il-viżi tal-pajjiżi ġirien għandu jissaħħa. Il-Kunsill Ewropew jilqa' b'sodisfazzjon il-progress li sar fl-allinjament mal-politika tal-UE dwar il-viżi mis-sħab tal-Balkani tal-Punent u jistedinhom jieħdu passi ulterjuri malajr. L-Unjoni Ewropea tinsab lesta li tapprofondixxi l-kooperazzjoni mar-reġjun dwar il-ġestjoni tal-migrazzjoni, l-ażil, il-ġestjoni tal-fruntieri u r-ritorni, filwaqt li timmassimizza l-użu ta' oqfsa eżistenti u kanali disponibbli.

Tisħiħ tal-kooperazzjoni dwar ir-ritorn u r-riammissjoni

22. Il-Kunsill Ewropew ifakkar fl-importanza ta' politika unifikata, komprensiva u effettiva tal-UE dwar ir-ritorn u r-riammissjoni kif ukoll ta' approċċ integrat għar-reintegrazzjoni. Hemm bżonn li l-Unjoni Ewropea u l-pajjiżi terzi tul ir-rotot iwettqu azzjoni rapida għall-iżgurar ta' ritorni effettivi lejn il-pajjiżi ta' oriġini u ta' tranżitu, billi jużaw bħala forza persważiva, il-politiki, l-istrumenti u l-għodod rilevanti kollha tal-UE, inkluż id-diplomazija, l-iżvilupp, il-kummerċ u l-viżi, kif ukoll opportunitajiet għall-migrazzjoni legali. F'dan ir-rigward, huwa meħtieġ approċċ ta' "gvern sħiħ" kemm fl-Istati Membri kif ukoll fi ħdan l-istituzzjonijiet tal-UE. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kummissjoni u l-Kunsill jagħmlu użu sħiħ mill-mekkaniżmu previst bl-Artikolu 25a fil-Kodiċi dwar il-Viżi, inkluż il-possibbiltà li jiġu introdotti miżuri restrittivi dwar il-viżi b'rabta ma' pajjiżi terzi li ma jikkooperawx dwar ir-ritorni. Biex jitħaffu l-proċeduri ta' ritorn, il-Kunsill Ewropew jistieden ukoll lill-Istati Membri biex jirrikonoxxu d-deċiżjonijiet ta' ritorn ta' xulxin. Huwa jappella lill-Aġenzija għall-Ażil biex tipprovdi gwida ħalli jiżdied l-użu tal-kunċetti ta' pajjiżi terzi bla periklu u ta' pajjiżi ta' oriġini bla periklu. L-Istati Membri huma mistiedna jagħmlu użu minn din il-gwida, bil-ħsieb li jinkiseb approċċ aktar koordinat, u b'hekk titwitta t-triq lejn lista komuni tal-UE.

Kontroll tal-fruntieri esterni

23. L-Unjoni Ewropea tibqa' determinata li tiżgura kontroll effettiv tal-fruntieri esterni tagħha fuq l-art u fil-baħar. Il-Kunsill Ewropew jilqa' b'sodisfazzjon l-isforzi mill-Istati Membri f'dan ir-rigward u:
- a) jafferma l-appoġġ sħiħ tiegħu għall-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex) fit-twettiq tal-kompitu ewlieni tagħha, li huwa li tappoġġa lill-Istati Membri fil-protezzjoni tal-fruntieri esterni, il-ġlieda kontra l-kriminalità transfruntiera u ż-żieda fir-ritorni;
 - b) itenni l-importanza li s-Sistema ta' Dħul/Ħruġ u s-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar isiru operazzjonali mill-aktar fis;
 - c) jappella għall-konklużjoni rapida tan-negozjati dwar Ftehimiet dwar l-Istatus ġodda u riveduti bejn l-Unjoni Ewropea u pajjiżi terzi dwar l-iskjerament tal-Frontex bħala parti mill-isforzi biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni dwar il-ġestjoni tal-fruntieri u l-migrazzjoni;
 - d) jappella lill-Kummissjoni biex tiffinanzja miżuri meħuda mill-Istati Membri li jikkontribwixxu direttament għall-kontroll tal-fruntieri esterni tal-UE, bħall-proġetti pilota fil-qasam tal-ġestjoni tal-fruntieri, kif ukoll għat-tisħiħ tal-kontroll fil-fruntieri f'pajjiżi ewlenin fuq rotot ta' tranżitu lejn l-Unjoni Ewropea;
 - e) jappella lill-Kummissjoni biex timmobilizza immedjatament fondi u mezzi sostanzjali tal-UE biex jiġu appoġġati l-Istati Membri fit-tisħiħ tal-kapaċitajiet u l-infrastruttura ta' ħarsien tal-fruntieri, il-mezzi ta' sorveljanza, inkluż is-sorveljanza mill-ajru, u t-tagħmir. F'dan il-kuntest, il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kummissjoni biex tiffinalizza malajr l-Istrateġija ta' Ġestjoni Integrata Ewropea tal-Fruntieri;
 - f) jirrikonoxxi l-ispeċifiċitajiet tal-fruntieri marittimi, inkluż fir-rigward tas-salvagwardja tal-ħajjiet umani, u jissottolinja l-ħtieġa għal kooperazzjoni msaħħa rigward attivitajiet ta' Tiftix u Salvataġġ u, f'dak il-kuntest, jieħu nota tat-tnedija mill-ġdid tal-Grupp ta' Kuntatt Ewropew dwar it-Tiftix u s-Salvataġġ.

Ġlieda kontra l-istrumentalizzazzjoni, it-traffikar u l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin

24. Il-Kunsill Ewropew jikkundanna tentattivi ta' strumentalizzazzjoni tal-migranti għal finijiet politiċi, b'mod partikolari meta jintużaw bħala ingranaġġ jew bħala parti minn azzjonijiet ibridi destabbilizzanti. Huwa jappella lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex javvanzaw il-ħidma dwar l-għodod rilevanti, inkluż miżuri possibbli kontra l-operaturi ta' trasport li jiffaċilitaw it-traffikar ta' bnedmin jew il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti, jew huma involuti fihom.
25. Permezz ta' kooperazzjoni b'saħħha bejn l-Istati Membri u mal-Europol, il-Frontex u l-Eurojust, kif ukoll ma' sħab ewlenin, il-ġlieda kontra t-traffikar ta' bnedmin u l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti ser tkompli tissaħħa.

Data dwar il-flussi migratorji u l-għarfien tas-sitwazzjoni

26. Il-Kunsill Ewropew jappella lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, bl-appoġġ tal-aġenziji rilevanti tal-UE, biex jiżviluppaw għarfien komuni tas-sitwazzjoni, itejbu l-monitoraġġ tad-data dwar il-kapaċitajiet ta' akkoljenza u dwar il-flussi migratorji u jidentifikaw xejriet migratorji ġodda aktar malajr, kemm lejn l-Unjoni Ewropea kif ukoll fiha. Huwa jħeġġeġ lill-awtoritajiet tal-Istati Membri biex jitolbu l-appoġġ tal-aġenziji tal-UE – inkluż l-Aġenzija għall-Ażil u l-Frontex – biex jiżguraw li l-migranti kollha li jidħlu fl-Unjoni Ewropea jiġu rreġistrati kif xieraq.

Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil u fajls relatati

27. Il-Kunsill, fid-dawl tal-progress miksub fl-2022, jappella lill-koleġiżlaturi biex ikomplu l-ħidma fuq il-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil, f'konformità mal-Pjan Direzzjonali Konġunt, kif ukoll fuq il-Kodiċi rivedut tal-Fruntieri ta' Schengen u d-Direttiva dwar ir-Ritorn. Il-Kunsill Ewropew jieħu nota tal-intenzjoni tal-Presidenza li tiddiskuti l-implimentazzjoni tal-Pjan Direzzjonali ta' Dublin kif ukoll l-involvement effettiv tal-UE fil-fruntieri esterni, inkluż dwar il-kwistjoni tal-operazzjonijiet minn entitajiet privati, fil-laqgħa li jmiss tal-Kunsill ĠAI.

IV. PUNTI OĦRA

Djalogu bejn Belgrad u Pristina

28. Fid-dawl tat-tensjonijiet reċenti fit-Tramuntana tal-Kosovo, il-Kunsill Ewropew jissottolinja l-ħtieġa urġenti għal progress fin-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet bejn il-Kosovo* u s-Serbja permezz tad-djalogu ffaċilitat mill-UE, immexxi mir-Rappreżentant Għoli.
29. Il-Kunsill Ewropew jilqa' b'sodisfazzjon il-proposta Ewropea reċenti biex ir-relazzjoni bejn iż-żewġ partijiet titqiegħed fuq bażi ġdida u sostenibbli bħala opportunità storika li għandha tinħataf miż-żewġ partijiet, inkluż bil-ħsieb li titwettaq il-perspettiva Ewropea tagħhom.
30. Il-Kunsill Ewropew iħeġġeġ liż-żewġ partijiet biex jimplimentaw, b'mod sħiħ u mingħajr kondizzjonijiet, l-obbligi li impenjaw ruħhom għalihom fil-qafas tad-djalogu, inkluż il-ftehimiet mis-snin 2013 u 2015 biex tinħoloq Assoċjazzjoni/Komunità tal-Muniċipalitajiet b'Maġġoranza Serba.

Terremot fit-Turkija u s-Sirja

31. Wara t-terremot traġiku tas-6 ta' Frar 2023, il-Kunsill Ewropew jestendi l-kondoljanzi profondi tiegħu lill-vittmi, u jinsab f'solidarjetà mal-poplu tat-Turkija u s-Sirja.
32. Immedjatament wara din it-traġedja u bħala turija tas-solidarjetà soda tal-Unjoni, aktar minn 1 600 ħaddiem tas-salvataġġ ġew skjerati fit-Turkija. Il-Kunsill Ewropew jafferma mill-ġdid li l-Unjoni tinsab lesta li tipprovdi aktar assistenza biex ittaffi t-tbatija fir-reġjuni affettwati kollha. Il-Kunsill Ewropew jilqa' b'sodisfazzjon l-inizjattiva tal-Presidenza Żvediża u l-Kummissjoni biex jospitaw Konferenza tad-Donaturi biex jiġu mobilizzati fondi mill-komunità internazzjonali b'appoġġ għall-poplu tat-Turkija u s-Sirja fi Brussell f'Marzu.

*

Dan l-isem huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mar-Riżoluzzjoni 1244/1999 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo

33. Il-Kunsill Ewropew jappella lil kulħadd biex jiżgura aċċess umanitarju għall-vittmi tat-terremot fis-Sirja irrispettivament minn fejn jinsabu. Riżorsi addizzjonali ġew mobilizzati mill-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha għall-appoġġ tal-isforzi umanitarji. Il-Kunsill Ewropew jappella lill-komunità umanitarja, taħt il-patroċinju tan-Nazzjonijiet Uniti, biex tiżgura t-twassil rapidu tal-għajnuna.
-